MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 2744/1997/1

**Charles Pool**

**vs**

**Carmelo Mercieca**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 3 fejn gie premess:-
Illi l-konvenut huwa debitur ta' l-attur fl-ammont ta' sebat elef u tmien mitt lira Maltin (Lm7,800) u cjoe' ammont dovut skond kambjala datata 25 t'Ottubru 1990 iffirmata mill-istess konvenut favur l-attur, liema kambjala skadiet fil-25 ta' Ottubru 1997.

Illi l-attur interpella lill-konvenut biex ihallas, u dana anke permezz ta' ittra ufficjali datata 10 ta' Novembru 1997,

izda minkejja l-konvenut debitament notifikat, ma rrisponda xejn u xorta wahda baqa' inadempjenti.

Illi l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi u prevja d-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond id-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 167 *et seq* tal-Kodici Civili ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u in vista tad-dikjarazzjoni guramentata, sabiex:-

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' sebat elef, tmien mitt lira Maltin (Lm7,800) rapprezentanti l-valur ta' kambjala datata 25 ta' Ottubru 1990 iffirmata mill-istess konvenut favur l-attur, liema kambjala skadiet fil-25 ta' Ottubru 1997.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Novembru 1997 u tal-Mandati ta' Qbid u ta' Sekwestru prezentati llum stess bin-numri 5940/97 u 5939/97.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 5 tal-process;

Rat il-lista ta' dokumenti u l-lista ta' xhieda tal-attur a fol. 6 sa 8 tal-process.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut tad-19 ta' Dicembru 1997 a fol.13 tal-process fejn eccepixxa:-

Illi t-talbiet ta' l-attur kif dedotti fic-citazzjoni huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi huwa diga' hallas ammont konsiderevoli mill-ammont mitlub u fadal biss bilanc zghir.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u lista tax-xhieda tal-istess konvenut a fol.13 u 14 tal-process;

Rat il-verbali tat-13 ta' Marzu 1998; tad-29 ta' April 1998;

Rat in-nota ta' Carmelo Mercieca li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess;

Rat il-verbali tas-seduti tal-10 ta' Gunju 1998; tad-29 ta' Jannar 1999 fejn xehed Joe Farrugia u l-konvenut in kontro-ezami. Dr. Chetcuti ghall-konvenut iddikjarat li m'ghandhiex provi aktar; tal-20 ta' Ottubru 1999 fejn kompla jixhed in kontro-ezami l-konvenut; tat-13 ta' Marzu 2000 fejn xehed minn jeddu l-attur; tat-8 ta' Mejju 2000; tad-9 ta' Ottubru 2000; tas-16 ta' Novembru 2000; tas-7 ta' Frar 2001 fejn Dr. Neville Camilleri ghall-attur iddikjara li m'ghandux provi aktar;

Rat in-nota ta' Charles Pool li biha esebixxa l-affidavit tieghu;

Rat il-verbali tas-seduti tat-22 ta' Marzu 2001; tal-4 ta' April 2001; tal-31 ta' Mejju 2001; tal-21 ta' Gunju 2001; tal-14 ta' Novembru 2001; tas-26 ta' Frar 2002 fejn xehed l-attur in kontro-ezami. Id-difensuri ddikjaraw li m'ghandhomx provi aktar. Id-difensuri talbu li jaghmlu nota. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta' 40 gurnata lill-attur biex jipprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-konro-parti li jkollu 40 gurnata biex jirrispondu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Gunju 2002.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenut;

Rat il-verbali tas-seduti tas-27 ta' Gunju 2002 u tat-12 ta' Dicembru 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Mejju 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>MERTU TAL-KAWZA.</u>

Illi din l-azzjoni hija dik maghrufa bhala *actio cambiaria* fejn l-attur qed jitlob il-hlas fuq kambjala ta' Lm7,800 minghand l-attur.

Illi l-konvenut min-naha tieghu ressaq l-eccezzjoni personali li huwa hallas ammont konsiderevoli mill-ammont mitlub u fadal biss bilanc zghir.

## III. PROVI PRODOTTI.

Illi fl-affidavit tieghu l-konvenut **Carmelo Mercieca** xehed li huwa akkwista hanut bl-isem “Teeny Weeny” f’St. Joseph High Street, Hamrun minghand is-socjeta’ “Loop Trading Company Limited” li kien qed jidher ghaliha l-attur ghal prezz ta’ Lm20,000. Huma kienu ffirmaw konvenju fil-25 ta’ April 1990 (Dok “CM1”) u ghal dan il-ghan kien ha *loan* mil-Lohombus Corporation biex ihallas lill-konvenut. Huwa thallas mill-bank mal-iffirmar tal-kuntratt ta’ trasferiment (Dok “XX1” u “XX2”).

Illi fl-istess gurnata kien iffirma skrittura ohra li permezz taghha s-socjeta’ “Jospool Commercial Company Limited” irraprezentata mill-attur, kienet ittrasferietilha l-*istock* tal-hanut ghall-prezz ta’ Lm7,000 (Dok “CM2”) huwa kellu jhallas l-ammont fi zmien seba’ snin sas-sena 1997. Ftit xhur wara l-attur insista mal-konvenut biex jiffirma kambjala peress illi kienu qed jissikkawh il-bank u b’hekk huwa kien ikollu x’juri illi kellu jaghtih il-flus. Il-pagament mensili permezz ta’ cekk kien b’hekk ikun jista’ jghaddih direttament lill-bank. Il-konvenut isostni li l-ammont indikat fil-kambjala jirreferi ghal prezz tal-merkanzija illi kien gie trasferit lilu permezz tal-iskrittura fuq indikata.

Illi huwa spjega li l-ewwel pagament sar fil-21 ta’ Dicembru. Imbaghad kien ghamel pagament iehor ta’ Lm1,000 u ghal dan il-ghan kien mar gibed il-flus mill-*current account* tieghu. Huwa seta’ jesebixxi *withdrawal slip* ghax m’ghandux ircevuta. Huwa mbaghad ghamel diversi pagamenti u nfatti esebixxa diversi cekkijiet. B’hekk qed isostni li huwa hallas lill-attur l-ammont ta’ Lm7,275.90.

Illi in kontro-ezami huwa cahad li ffirma xi skrittura ohra barra dik a fol. 34 tal-process wara li kien sar il-kuntratt (Dok. “XX2”). Illi dwar l-Lm1,000 li semma fl-affidavit tieghu qal li hu m’ghandu l-ebda prova hlief il-konferma

bil-gurament tieghu. Illi huwa veru dejjem inghata l-ircevuta mill-attur ghal kull pagament li kien ghamel izda f'dan il-kaz l-attur kien qallu li d-*debit cash voucher* kien bizzejjed bhala prova tal-hlas. Dawn kien inkassahom fis-16 ta' Awissu 1991. Illi l-ewwel pagament li ghamel akkont bi hlas tas-somma ta' sebat elef lira ta' Lm400 kien fil-21 ta' Dicembru 1990. Illi is-somma rapprezentata mill-kambjala li kienet giet iffirmata fil-25 ta' Ottubru 1990 tirrifletti s-somma tas-sebat elef lira li semma' fl-affidavit tieghu.

Illi **Joseph Farrugia** ghan-nom tar-Registratur tal-Kumpaniji *senior desk officer*, esebixxa l-*Articles of Association* tal-kumpaniji "Loop Trading Limited" u "Jospool Commercial Company Limited".

Illi l-attur **Charles Pool** xehed li huwa ghamel negozju ma' Carmelo Mercieca ghall-bejgh tal-hanut "Teeny Weeny" f'751, High Street, Hamrun; kif ukoll il-merkanzija ghall-bejgh minn dan il-hanut kemm li kellu fil-hanut, kif ukoll merkanzija ohra li kien izomm fl-imhazen tal-kumpaniji tieghu. Huwa bieghlu wkoll merkanzija personali tieghu anke mixtrija biex tinbiegh mill-hanut.

Illi huwa spjega li l-merkanzija kienet tghaddi ghall-hanut minn tliet sorsi cjoe' merkanzija tieghu personali u taz-zewg kumpaniji minhabba li kien ghaddej minn process ta' separazzjoni ma' martu u kien necessarju li jaghmel hekk biex in-negozju ma jieqafx. Illi l-konvenut ried li jissellef flus bizzejjed biex jixtri wkoll l-merkanzija kollha tal-hanut li kellu kemm fil-hanut kif ukoll l-imhazen. Huma qablu li mal-bank juru biss il-bejgh tal-hanut u ghamlu skritturi u kambjali li kienu jinkludu l-merkanzija *"furniture"* u *"fittings"* u *"goodwill"*. Dan biex il-bank ma jkunx jaf li l-konvenut ghandu dejn iehor u setghet tinholoq diffikulta' biex isellfu. Il-kambjala saret biex ikun jista' jiddepozitaha l-bank u jissellef fuqha kif fil-fatt ghamel. Huma ftehmu perjodu ta' hlas ta' seba' (7) snin. B'hekk iffirmaw hames skritturi u saret kambjala fil-25 ta' Ottubru 1997. Huwa mbaghad spjega wahda wahda kull skrittura.

Illi huma qablu li l-konvenut ihallas kif ikun possibli kemm jista’ jkun wara kull Milied jew stagun ta’ bejgh tajjeb mhux aktar tard minn seba’ (7) snin b’interessi baxxi hlief tal-kambjala li kellha tithallas kollha wara seba’ (7) snin inkluz 8% interessi. Il-kambjala kienet tirrapprezenta Lm5,000 merkanzija li bieghlu tieghu personalment, li ammontat ghall-Lm7,800 cjoe’ Lm5,000 *piu’* 8% interessi ghal seba’ snin li ammontaw ghall-Lm2,800. Huwa kkonferma li l-konvenut hallas pagament izda dawn jammontaw ghal Lm5,501.50 li kienu pagamenti mensili li bdew minn Lulju 1993 sal- 31 ta’ Awssu 1997. Dawn thallsu kontra l-ammont ta’ merkanzija li tidher fi skritturi maz-zewg kumpaniji u mhux biex jitnaqqsu mill-kambjali. *Inoltre* xehed li hu ma rcieva l-ebda ammont ta’ Lm1,000 minghand il-konvenut. Is-somma ta’ Lm400 (Dok “CM3”) li thallas fil-21 ta’ Dicembru 1990 huwa hlas ta’ bejgh ta’ *“furniture and fittings”.* Imbaghad bieghlu merkanzija ohra ghal ammonti zghar.

Illi in kontro-ezami qal li l-kambjala tirrapprezenta bejgh ta’ merkanzija li pero’ mhiex riflessa f’xi wahda mill-iskritturi. Hu qabel li si trattava ta’ *stock* li kwazi kien jeccedi tletin elf lira (Lm30,000) Maltin. Il-kambjala kienet hamest elef lira (Lm5,000) *stock toys.* Il-konvenut beda jiehdu biex ibieghu w anke kera garaxx. Illi ghad hemm bilanc fuq l-iskritturi u hu ghadu ma fittxux fuqu u dan fuq parir ta’ l-avukat tieghu. Il-valur ta’ l-*istock* fuq il-kambjala ghaddewh huwa u iben il-konvenut. L-*istock* tal-kambjala kien ghandu wkoll apparti. Infatti huwa kellu erbat imhazen.

## <u>IV. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi fis-sentenza **“Mario Agius et vs Doris Pulo”** (2846/97/RCP – 24 ta’ April 2001) din il-Qorti kif presjeduta trattat in-natura ta’ din l-azzjoni. Infatti ntqal:-

Illi l-**artikolu 198 tal-Kodici tal-Kummerc (Kap. 13)** jghid illi:-

*1) “L-eccezzjonijiet li huma personali ghall-pussessur tal-kambjala ma jistghux idewmu l-hlas taghha, jekk ma*

*jkunux likwidi u li jistghu jinqatghu malajr fil-kawza li tkun miexja.*

2) *Jekk dawn l-eccezzjonijiet ikunu jinhtiegu ezami fit-tul, is-smiegh taghhom isir f'kawza ghaliha, u sadanittant, il-kundanna ghall-hlas tal-kambjala, bil-garanzija jew minghajrha, skond ma jidhrilha l-Qorti, m'ghandhiex tkun imdewma".*

Illi dan l-artikolu hawn fuq imsemmi gie kemm-il darba imfisser minn dawn il-Qrati.

Illi din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **"Guillaumier Industries Ltd. vs Victor Vella et**" deciza fl-4 ta' Dicembru, 1998 dwar l-*actio cambiaria* kienet qalet:-

*"Illi a bazi ta' dan l-Artikolu gie deciz li "l-iskop tal-ligi huwa carissimu. Il-kawza proposta a bazi ta' kambjala ghandha tigi mill-Qorti trattata bl-akbar celerita' possibbli … … …". Il-kambjala hija proprju l-instrument kummercjali nventat biex appuntu jassigura din il-heffa u l-ghaggla fic-cirkontrazzjoni tal-krediti u d-dejn u sabiex tirrispetta u kemm jista' jkun tiggarantixxi li l-processi kummercjali jkunu animati mill-istess esigenzi".*

*"Biex tassigura din ic-celerita', l-ligi tiffrena l-eccezzjonijiet li jistghu jinghataw kontra l-possessur tal-kambjala biex dawn ma jittardjawx il-kanonizzazzjoni ta' mport ta' kambjala. Tammetti eccezzjonijiet biex meta dawn ikun ta' facli soluzzjoni*" (K.G.M.B 17.10.1987) **"John Portelli noe vs Joseph Sullivan"**.

Dan isir peress li skond kif gie affermat fis-sentenza **"Charles Gatt noe vs Joseph Vassallo Gatt noe"** (K. (J.D.C) 15 ta' Novembru 1993):-

*"appena kambjala tigi ammessa, tigi krejata obligazzjoni 'ad hoc', ghal kollox indipendenti u separata minn kwalunkwe obligazzjoni li seghtet ipprecedietha. Ghalhekk f'kawza bhal din, l-eccezzjonijiet ammissibbli huma generalment limitati ghall-kambjala nnifisha u bhala*

*regola m' ghandhomx jigu permessi eccezzjonijiet li jikkoncernaw obligazzjonijiet precedenti"*.

Illi l-istess arrangament gie segwit f'diversi sentenzi fosthom **"John Mary Sammut vs Michael Cassar"** (App K. 14 ta' Ottubru 1991) u **"George Zahra vs Alfred Borg"** (K. (JSP) 28 ta' April 1995) fejn il-Qrati rriferew ghall-gurisprudenza konstanti li fl-azzjoni kambjarja huma permessi biss eccezzjonijiet li jikkontestaw il-validita formali tal-kambjala in kwantu jallegaw li din tkun fuq il-wicc taghha *inoltre* f'xi wahda mill-elementi kostitwiti essenzjali taghha kif trid il-ligi (Vide Vol XXIX P1 1528 – Vol XXIX. 1. 1136) u l-istess **"John Portelli noe vs Charles Vella"** (K.C.D. 30 ta' Awissu 1989); dawn il-principji gew ilkoll elenkati fis-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Ottubru 2000 fl-ismijiet **"Ronald Micallef *et* vs Subway (Malta) Limited"** (Cit. Nru. 273/2000/RCP).

Illi dwar dan kien hemm temperament fis-sentenza **"Joseph Lia vs Alfred Dalli"** (K. JDC 26 ta' Jannar 1989), li ghalkemm sostniet li l-**artikolu 198** japplika kemm meta tali kambjali jkunu girati w anke meta le, irrilevat li hemm eccezzjonijiet permessibbli meta din tolqot l-ezistenza tal-kambjala stess bhal meta l-kunsens tal-accettant tal-kambjala jkun vizzjat minhabba vjolenza jew dolo (Vol XXXIX. III, 845) u ghalhekk irriteniet li tali eccezzjoni ghandha tingieb permezz ta' azzjoni ohra u permezz ta' azzjoni *ad hoc*.

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Salamone vs Rao"** tad-9 ta' Frar, 1906, moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc intqal illi:-

"*Attesocche' le eccezioni date dal convenuto, quantunque personali all'attore, sono di lunga indagine e quindi, secondo il disposto nell'articolo 181 dell'Ordinanza XIII del 1857, la loro cognizione dev'essere rimandata a separato giudizio;*"

Illi wkoll fl-4 ta' Frar 1907, l-istess Qorti tal-Kummerc, fil-kawza fl-ismijiet **"Zammit vs Scicluna"** qalet illi:-

*"Attesocche' secondo la pratica costante di questo tribunale il pagamento di una cambiale accettata e scaduta viene sempre ordinato quando le eccezioni sono tali da richiedere lunga indagine, sotto quelle cautele che il prudente arbitrio della Corte credesse opportuno;"*

Illi fl-ahharnett fl-10 ta' Mejju, 1913, fil-kawza fl-ismijiet **"Sultana vs Pecorella"** gie riaffermat li:-

*"Atteso che per legge espressa, eccezioni di lunga indagine, come quelle apposte dal convenuto non possono ritardare il pagamento di cambiali scadute. La Corte deve ordinare il pagamento con o senza cauzione e rimettere la cognizione delle eccezioni a separato giudizio";*

Illi konferma ta' dan hija s-sentenza **"Tabone vs Camilleri"** tas-27 ta' Frar 1939 li qalet li:-

*"Illi huwa veru illi skond dana l-artikolu tal-ligi, meta l-eccezzjoni ma tistghax tigi definita malajr ma hijiex ammissibbli meta biha jkun ritardat il-pagament. Pero' hemm eccezzjonijiet tant assoluti kemm relattivi, li jistghu jigu moghtija u ghandhom ikunu ammessi. Dawna l-eccezzjonijiet ghandhom il-bazi taghhom fid-dritt komuni u fid-dritt kambjarju. Per ezempju, l-inkapacita' li hija regolata mid-dritt komuni tifforma wahda mill-eccezzjonijiet assoluti, u l-pagament huwa wiehed mill-eccezzjonijiet relativi jew personali li huma regolati mid-dritt kambjarju. Hemm ukoll eccezzjonijiet li gejjin minn fatti posterjuri ghad-data ta' l-emissjoni tal-kambjali".*

Illi tal-istess portata hija s-sentenza fl-ismijiet **"Eminyan vs Mackay"** tad-9 ta' April 1940 tant li nghad li:-

*"Illi skond l-**art. 181 ta' l-Ord. XIII ta' l-1857**, l-eccezzjonijiet personali ghall-possessur tal-kambjali ma jistghux jirritardaw il-hlas tal-kambjali jekk ma jkunux likwidi u ta' soluzzjoni pronta. Ghalhekk l-eccezzjoni li ta l-konvenut ma tistghax tiddilazzjona l-pagament tal-kambjali;"*

Illi tant huwa minnu dan fil-21 ta' Novembru 1940, bid-decizjoni fl-ismijiet **“Staines vs Trapani”** kkonfermat li:-

*"Illi jekk dina l-pretensjoni ma kenitx likwida qabel il-kawza, issa li l-Qorti semghet il-provi tista' tillikwidaha, peress illi tirrizulta b'mod konvincenti bhala fondata. U skond **l-art. 181 ta' l-Ord. XII ta' l-1857**, "exceptions affecting the holder of a bill personally, cannot delay the payment thereof, unless the exceptions be such as admit of being clearly and speedily determined". U fil-kaz prezenti l-eccezzjoni tal-konvenut setghet tigi likwidata, kif giet fil-fatt, peress illi setghet tigi definita malajr”.*

Illi dawn il-principji gew ukoll ikkonfermati mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **“Prof. Carlo Mallia noe vs Mariano Accarino noe”** deciza fit-22 ta' Novembru 1937, ikkonkludiet:-

*“Infatti l-artikolu 181 tal-Kodici Kummercjali jistabbilixxi illi l-eccezzjonijiet personali ghal possessuri tal-kambjali ma jistghux idewmu l-pagament tas-somma jekk mhumiex likwidi u “di pronta soluzione”. Jekk imbaghad huma ta' ndagini twila, dawk l-eccezzjonijiet ghandhom ikunu riservati ghal kawza separata, u l-kundanna tal-kambjali ma tistghax tkun differita, b'garanzija jew minghajr garanzija skond il-prudenzjali arbitriju tal-Qorti”.*

Illi dan kollu gie kkonfermat recentement fis-sentenzi ta’ **“Francis Portanier vs Abdel Moez Mohammed Aly et”** (Cit. Nru 2291/97/RCP – 12/12/01); kif ukoll, fis-sentenza recenti fl-ismijiet **“John Giordimaina et vs Joseph Pace et”** (Cit. Nru: 3391/1996/TM – 16 ta’ Jannar 2003).

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz *de quo*, u in vista ta’ dak kollu premess din il-Qorti tasal biex tikkonkludi li ghandha tichad l-eccezzjoni mressqa mill-konvenut. Illi fl-ewwel lok jinghad li l-konvenut bla ebda mod ma kkontesta li l-kambjala mertu tal-kawza odjerna giet debitament mahruga u ffirmata minnu kif jidher mill-istess kambjala ezebita (Dok. “A” a fol. 8 tal-process). Illi lanqas ma tqajmet xi eccezzjoni dwar il-*validita’ o meno* taghha. Ir-raguni ghalfejn din effettivament giet mahruga hija

kompletament irrelevanti ghall-mertu tal-azzjoni odjerna. Infatti kif diga’ gie kkwotat li qal il-***Profs. Rene’ Cremona*** fin-noti tieghu:-

*“the moment a person signs the bill of exchange… …the obligation arising from that signature is considered to be complete in itself; it acquires a juridical existence which is considered separate, distinct and independent from the original and fundamental contract entered into between the parties concerned. The law identifies the obligation created or evinced by its bill with the signatures places thereon. Accordingly, a party to a bill would be liable thereon, not because of any pre-existing obligations, but merely because he did actually sign the bill.”* (sottolinear ta’ din il-Qorti).

Illi ngabu diversi provi fuq kif u ghal liema raguni harget din il-kambjala. L-attur esebixxa hames (5) skritturi li saru bejnu u l-konvenut apparti l-bejgh tal-hanut innifsu. Zewg skritturi minnhom cjoe’ Dok “CP1” u Dok “CP2” jipprovdu ghall-bejgh ta’ *stock* minn “Jospool Commercials Company Limited” u “Loop Trading Company Limited” lill-konvenut rispettivament. It-tnejn isemmu ammont ta’ Lm7,000 li jithallsu f’seba’ snin u bl-imghaxijiet is-somma kienet titla’ ghal Lm9,660. Imbaghad f’Dok. “CP5” ingabar t-total kollu ta’ l-*istocks* kemm fil-hanut kif ukoll fl-imhazen li kienu nxtraw ghall-bejgh mill-hanut. Imbaghad l-attur sostna li apparti dawn l-*istocks* imsemmija f’dawn it-tliet skritturi huwa biegh lill-konvenut xi *stock* iehor li kellu u li ghalih saret il-kambjala mertu tal-vertenza odjerna.

Illi min-naha tieghu l-konvenut isostni li din il-kambjala saret bhala parti mill-bejgh ta’ l-*istock* li jipprovdu ghalih l-iskritturi fuq imsemmija u mhux kif allegat mill-attur. Illi huwa esebixxa diversi ricevuti fejn hallas lill-attur u dan bhala pagament ghal din l-istess kambjala.

Illi huwa minnu li l-konvenut hallas lill-attur u anke l-attur ma jinnegax dan – hlief ghall-ammont ta’ Lm1,000. Illi pero’ l-attur baqa’ jsostni li dan il-hlas kien akkont fuq l-iskritturi u mhux fuq il-kambjala li fuqha ghadu ma thallas xejn. Illi l-provi gew inversi u kwindi kien jinkombi fuq il-

konvenut biex jipprova dak li kien qed jallega u cjoe' li l-pagamenti saru fuq il-kambjali. Illi pero' dan naqas li jaghmlu b'mod car u univoku li jikkonvincu lil din il-Qorti li dak li qed isostni huwa hu minnu. Infatti fl-ircevuti m'hemm l-ebda ndikazzjoni li l-pagamenti saru fuq il-kambjala u m'hemm l-ebda dubju li bejn il-partijiet kien hemm obbligazzjonijiet ohrajn u kwindi l-ammonti mhallsa kienu bla ebda dubju ezekuzzjoni ta' dawk l-obbligazzjonijiet. Il-verzjoni moghtija mill-attur hija ferm aktar kredibbli anke ghax m'hemm l-ebda ammont fl-iskritturi li jikkombacja mal-kambjala. Illi fuq kollox jinghad, li l-kambjala bhala nstrument ta' kreditu "*par excellance"* dejjem baqghet fil-pussess tal-attur, u minn imkien ma jidher li l-konvenut talab li b'xi mod l-istess tigi rilaxxata.

Illi kif diga' ntqal, il-kambjala ghandha natura awtonoma u indipendenti mit-tranzazzjoni li minnha tohrog. *Inoltre* hija fin-natura taghha stess li hi strument kummercjali mahluq biex jassigura heffa u ghaggla fic-cirkostanzi tal-krediti u d-dejn u kwindi ladarba l-kambjala in kwistjoni giet iffirmata u ma giex ippruvat sodisfacentement li kien hemm hlas, lanqas *in parte* fuqha t-talbiet attrici ghandhom jintlaqghu. Ovvjament dan l-oneru kien jinkombi lill-konvenut, liema oneru l-istess konvenut naqas li jissodisfa. Illi f'dan il-kuntest huwa wiehed sintomatiku li l-konvenut innifsu fl-eccezzjonijiet minnu stess moghtija, naqas li jindika ammont li suppost skond huwa stess kien imhallas akkont ghall-istess kambjala, nuqqas li juri djufija tat-tezi tal-konvenut, u dan apparti l-konsiderazzjonijiet l-ohra fuq indikati, inkluz il-possibilta' legali li ammont f'kambjala jinqasam b'dan il-mod.

## V. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenut **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' sebet elef, tmien mitt liri Maltin (Lm7,800) rapprezentant il-valur ta' kambjala datata 25 ta' Ottubru

1990 iffirmata mill-istess konvenut favur l-attur, liema kambjala skadiet fil-25 ta' Ottubru 1997.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta' Novembru 1997 u tal-Mandati ta' qbid u ta' sekwestru Nru 5940/97 u 5939/97 rispettivament kontra l-konvenut u bl-imghax legali mill-iskadenza tal-kambjala fuq imsemmija sal-effettiv pagament.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------